**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 23 ta' Settembru 2020**

**Talba Nru: 202/18 CZ**

**C Planet IT Solutions Limited**

**vs.**

**Boutique Properties Limited**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-4 ta' Mejju 2018 li permezz taghha premettiet:

1. Illi s-socjeta' mittenti C-Planet IT Solutions Limited (C-41536) pprovdiet servizzi ta' website development fuq l-inkarigu moghti lilha mis-socjeta' intimata Boutique Properties Limited (C-54843);

2. Illi minkejja is-socjeta' intimata giet interpellata mis-socjeta' mittenti sabiex taddivjeni ghall-hlas diversi drabi, inkluz permezz tal-ittra ufficcjali bin-numru 1269/2016, datata 5 ta' Lulju 2016 sabiex tissalda l-hlas dovut lilha, hija baqghet inadempjenti.

3. Illi ghaldaqstant, is-socjeta' intimata ghadha debitrici tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' erbat elef mitejn sebgha u sebghin Ewro u hamsin centezmu (€4,277.50) rapprezentanti servizzi rezi mis-socjeta' mittenti a favur tal-intimati fuq ordni taghhom stess.
4. Illi ghaldaqstant, is-socjeta' mittenti qed titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex:

   i. Jiddikkjara li s-socjeta' Boutique Properties Limited (C-54843) hija debitrici tas-socjeta' mittenti fl-ammont ta' erbat elef mitejn sebgha u sebghin Ewro u hamsin centezmu (€4,277.50);
   ii. Jordna li s-socjeta' Boutique Properties Limited (C-54843) thallas l-ammont ta' erbat elef mitejn sebgha u sebghin Ewro u hamsin centezmu (€4,277.50) lis-socjeta' mittenti;

Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficcjali numru 1269/2016 kontra s-socjeta' intimata, min issa ingunta in subizzjoni.

Illi s-socjeta' konvenuta permezz ta' risposta prezentata fil-25 ta' Mejju 2018 eccepiet:

1. It-talbiet kollha mressqin mill-kumpannija attrici inkluz il-hlas tas-somma ta' €4,277.50 pretiza minnha qed jigu kontestati stante li dawn ghandhom jirrizultaw li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt inter alia stante li:

   i.) Il-hlas mitlub jirreferi ghal xogholijiet li ma sarux skont is-sengha u l-arti u li kienu anzi mifnija b'diversi nuqqasijiet li kkawzaw problemi kontinwi tant illi l-kumpannija esponenti spiccat kellha tqabbad lil haddiehor biex jaghmel website kompletament gdida kif ser jirrizulta matul il-mori ta' dawn il-proceduri;

   ii.) L-ammont mitlub jirreferi wkoll, fi kwalunkwe kaz, ghal xoghol li kellu jsir mill-kumpanija attrici biex tirrimedja ghal nuqqasijiet varji konnessi ma' xoghol li sar mill-kumpanija attrici f'fazi precedenti u li ghalihom il-kumpannija esponenti kienet hallset lill-istess kumpannija attrici s-somma ta' tlitt elef mitejn u sitta u hamsin Ewro u tmenin centezmu (€3,256.80) liema somma qed tintalab lura permezz tal-kontro-talba konstestwali ghar-ragunijiet hawn fuq indikati u dawk spjegati fl-istess kontro-talba.

2. Salv Eccezzjonijiet ulterjuri.

3. Bl-ispejjez kontra l-istess kumpannija attrici.

Illi s-socjeta' konvenuta prevalixxiet ruhha mir-risposta minnha mresqa sabiex ressqet ukoll kontro-talba li biha premettiet:

1. Il-kumpannija esponenti qed titlob ukoll ir-rifuzjoni tas-somma ta' tlitt elef mitejn u sitta u hamsin Ewro u tmenin centezmu (€3,256.80) rapprezentanti zewg pagamenti li kienu saru minnha lill-kumpannija attrici in konnessjoni ma' xoghol li sar mill-kumpannija attrici f'fazi precedenti referibbli ghall-website in kwistjoni liema xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti u kien anzi mifni b'diversi nuqqasijiet tant li kellhom isiru xogholijiet rimedjali ulterjuri (referibbli gal dak indikat fir-risposta wara t-Talba mressqa mill-Kumpanija attrici) li pero ma solvewx il-problemi in kwistjoni tant li l-kumpannija esponenti kellha tqabbad lil haddiehor biex jaghmel website kompletament gdida kif ser jirrizulta' matul il-mori ta' dawn il-proceduri.

   Ghaldaqstant il-kumpanija eccipjenti qed titlob sabiex fil-waqt li dan l-Onorrabli Tribunal jichad it-talbiet imressqin mill-kumpannija attrici, l-istess Tribunal jghaddi sabiex jilqa' din il-kontro-talba mressqa mill-kumpannija esponenti u konsegwentement isib lill-istess kumpannija attrici hatja tan-nuqqasijiet imputabbli lilha in konnessjoni max-xogholijiet hawn fuq indikati u b'hekk jikkundanna u jordna lill-istess kumpannija attrici sabiex tirrifondi lill-kumpannija esponenti s-somma ta' tlitt elef mitejn u sitta u hamsin Ewro u tmenin centezmu (€3,256.80), bl-imghaxijiet u bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra l-istess kumpannija attrici rikonvenzjonata.

Illi permezz ta' risposta ghall-kontro-talba, is-socjeta' attrici rikonvenzjonata eccepiet:

1. Illi l-kontro-talba tas-socjeta' rikonvenzjonanti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dana ghas-segwenti ragunijiet;

2. Illi l-pagamenti li saru, saru volontarjament u mhumiex infondati stante li kienu dovuti ghax-xoghol li sar da parti ta' C-Planet IT Solutions.

3. Illi huwa nveritier li x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti. Kwalunkwe xoghol rimedjali li sar kellu jsir minhabba ragunijiet imputabbli lil terzi

mqabbda mis-socjeta’ rikonvenzjonanti bhal mhu ser jirrizulta mit-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

4. Illi x-xoghol li sar dejjem kien ta’ l-ghola kwalita’ u s-socjeta’ rikonvenzjonanti ghandha tipprova l-kuntrarju la darba qed tallega dan.

5. Illi s-socjeta’ rikonvenzjonanti kienet nghatat ‘grace period’ ta’ erba’ (4) gimghat wara li tlestew tali xogholijiet mwettqa mis-socjeta’ attrici ghal kwalunkwe lment jew diffikulta’ li seta’ kellha s-socjeta’ rikonvenzjonanti izda dawn ma ressqu l-ebda lment u ghaldaqstant dan juri li mhux minnu li kien hemm xi kwistjoni rigward ix-xoghol tas-socjeta’ esponenti.

6. Illi ghaldaqstant, kien b’kapricc li l-website maghmula mis-socjeta’ esponenti giet skartata mis-socjeta’ rikonvenzjonanti stante li ma kellha l-ebda problema. In fatti l-website l-gdida giet mudellata ezattament fuq il-website dizenjata mis-socjeta’ esponenti.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta’ rikonvenzjonanti.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema’ x-xiehda prodotti.

Ra n-noti ta’ sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi f' din il-kawza hemm zewg azzjonijiet; il-kawza promotrici saret sabiex is-socjeta' attrici tithallas ghal xoghlijiet li hija ghamlet konnessi ma' ghodda tat-tiftix fis-sit elettroniku tan-negozju tas-socjeta' konvenuta (Search Engine Optimisation), u ghal dan qed titlob hlas ta' erbat'elef mitejn sebgha u sebghin Ewro u hamsin centezmu (€4,277.50). It-tieni azzjoni hija dik imressqa fil-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti, li biha qed titlob il-hlas lura ta' hlasijiet maghmula lis-socjeta' attrici rikonvezjonata, ghal xoghlijiet precedenti li l-istess socjeta' attrici kienet ghamlet, liema xoghlijiet allegatament kienu hziena, u ghal dan qed titlob hlas lura tas-somma ta' tlett'elef mitejn u sitta u hamsin Ewro u tmenin centezmu (€3,256.80).

Illi dwar it-talba promotrici, it-Tribunal ikkunsidra s-segwenti:

Illi certa Sandra Waters, dak iz-zmien impjegata tas-socjeta' konvenuta kienet talbet lis-socjeta' attrici sabiex tipprovdi stima sabiex isir ix-xoghol tekniku fis-sit elettroniku tas-socjeta' konvenuta sabiex isir ix-xoghol ta' thejjija ghall-ghodda tat-tiftix (SEO).

Illi x-xoghol innifsu fuq is-SEO kellu jsir minn terzi.

Illi dan ix-xoghol twettaq mis-socjeta' attrici, izda din infurmat lis-socjeta' konvenuta li kienet qed tistenna lill-kumpanija tal-IT tas-socjeta' konvenuta sabiex tahdem fuq is-server tas-socjeta' konvenuta.

Illi fil-frattemp il-kumpanija li kienet qed tahdem fuq is-SEO kienet qed titlob lis-socjeta' attrici ammont ta' xoghol ulterjuri.

Illi kellha ssir ukoll link gdida sabiex is-sistema l-gdida ta' Real Estate Management System (REM) tidhol fis-sehh, minfok is-sistema RADAR. Dan ix-xoghol sar wara diversi gimghat minn mindu ntalab peress li jidher li kien hemm problema fil-korrispondenza bejn Darren Muscat imqabbad mis-socjeta' konvenuta u s-socjeta' attrici.

Illi fil-frattemp il-kumpanija terza li kienet qed tahdem fuq is-SEO ghamlet xi tibdiliet li kkawzaw telf ta' informazzjoni fuq il-website. Wara dan, ix-xoghol li kellu jitwettaq mis-socjeta' attrici sar u ntalab il-hlas.

Illi f'din il-fazi, is-socjeta' konvenuta sostniet illi l-blog kien ghadu mhux qed jahdem u li s-sezzjoni tal-kiri kienet ukoll ghadha mhux qed tahdem. Dwar il-blog is-socjeta' attrici qalet li kienet il-kumpanija tal-'hosting' li kellha tahti, filwaqt li dwar il-kiri, il-kumpanija attrici osservat li kien minnu li ma kinitx qed tahdem u li kellha bzonn iktar zmien sabiex taghmel ix-xoghol. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, is-socjeta' attrici osservat li ma kinitx marbuta bi zmien sabiex tlesti s-sezzjoni tal-kiri; argument dan li t-Tribunal ma jqisx li huwa validu ghaliex ix-xoghol li kellu jsir kellu terminu generali, li ma kienx applikabbli biss ghas-sezzjoni tal-kiri.

Illi s-socjeta' konvenuta tosserva wkoll illi din il-fazi kellha tiehu gimaghtejn, izda finalment hadet aktar minn xahrejn. Is-socjeta' attrici twiegeb ghal dan billi tindika li kienet qed tistrieh fuq terzi, fosthom il-kumpanija tal-IT biex teffetwa xi xoghol min-naha taghha.

Illi filwaqt li s-socjeta' attrici tindika li x-xoghol fuq is-SEO sar kif mitlub, Darren Muscat prodott mis-socjeta' konvenuta jindika li minn punto di vista' tekniku, is-sit kien fi stat hazin peress li ma kien hemm kwazi xejn SEO *practices*, filwaqt li *search functionality* ma kienx qed jahdem sew, u kien hemm problemi bil-*mobile responsive design*. It-Tribunal qies f'dan ir-rigward ix-xiehda ta' dan ix-xhud espert, li ghalkemm

ex parte, hija ta' rilevanza fis-sens li l-unici xiehda li jistghu jissejjhu esperti f'din il-kawza kienu propju dan Darren Muscat u r-rapprezentant tas-socjeta' attrici Philip Farrugia. Ma jirrizultax li n-nuqqasijiet misjuba u rapportati minn Darren Muscat gew sodisfacentement kontradetti mis-socjeta' attrici.

Illi dan fil-verita' indika illi x-xoghlijiet imwettqa mis-socjeta' attrici fir-rigward tal-SEO ma kinux inibiti biss minhabba l-involviment ta' terzi, kif qed issostni hi, izda kien hemm problemi li kienu jmorru lil hinn minn hekk.

Illi t-Tribunal jara ghalhekk illi l-hlas mitlub mis-socjeta' attrici ma ghandux ikun dak indikat, izda wara li ra x-xoghol imwettaq mis-socjeta' attrici u l-problemi li baqghet rinfaccjata bihom is-socjeta' konvenuta, jistabbilixxi li s-socjeta' attrici ghandha tithallas in-nofs ta' dak mitlub minnha ghax-xoghol fit-tieni fazi.

Illi dwar il-kontro-talba, is-socjeta' attrici rikonvenzjonata qed issostni illi ghax-xoghlijiet imwettqa, is-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti kienet inghatat zmien sabiex tivverifika li kollox kien sew, u li s-socjeta' konvenuta hallset volontarjament. Is-socjeta konvenuta rikonvenzjonanti min-naha l-ohra tghid illi l-hlas sar sforz theddid maghmul mis-socjeta' attrici peress li din tal-ahhar kienet qed tindika li kienet ha tnehhi s-sit elettroniku jekk ma tithallasx. Tghid ukoll illi x-xoghol tal-ewwel fazi kien ukoll mimli difetti, u telenkahom fin-nota ta' sottomissjonijet taghha billi qalet illi:

1. Dakinhar stess illi l-website bdiet tahdem fl-14 ta' Mejju 2015 is-socjeta' konvenuta gibdet l-attenzjoni ta' dik attrici ghal lista ta' problemi jew zbalji li kienu gew innutati;
2. Kien hemm problemi dwar accessibilita' tal-blog page;
3. Kien hemm e-mail mis-socjeta' attrici li rrikonoxxiet fit-8 ta' Lulju 2015 li l-website ma kinitx qed tahdem.
4. E-mail tal-14 ta' Lulju 2015 fejn gie indikat lis-socjeta' attrici li s-sit ma kien qed jaghti ebda rizultat meta jsir tiftix ghall-propjeta' ghall-kiri.

Illi s-socjeta' attrici min-naha issenjalat certi problemi li ma kinux fil-kontroll taghha, u li kienu jezistu qabel ma hadet l-inkarigu hi, u cioe':

1. Dak li beda s-sit elettroniku, Ajay Jaiswal kellu diga' diversi problemi bis-sistema RADAR u bis-*search function*;
2. Ir-rapport li ghamlet is-socjeta' attrici juri li kien hemm il-problemi qabel bdiet ix-xoghol hi – tant li rrakkomanda li jsir sit gdid;
3. Kien hemm anke problemi fuq il-hosting site originali, apparti mas-sistema ta' RADAR, tant li s-socjeta' attrici rrakkomandat li kollox jiccaqlaq ghal sistema lokali, kif eventwalment sehh.

Illi s-socjeta' attrici taghti x'tifhem illi dawn il-problemi li kienu involuti fihom terzi kienu jinibuha milli tkun tista' taghmel it-titjib kollu mitlub mis-socjeta' konvenuta.

Illi t-Tribunal f'dan ir-rigward jinnota illi r-rakkomandazzjonjiet maghmula mis-socjeta' attrici, oltre x-xoghol li ntalab lilha, saru, ghalkemm mhux fit-totalita' taghhom. Dan fis-sens illi l-hosting originali nbidel ghal wiehed lokali u ghaldaqstant ma kellux ikun hemm problemi f'dan ir-rigward. Is-socjeta' attrici kienet ukoll irrakkomandat illi tinbidel il-website kompletament, izda sussegwentement accettat l-inkarigu li tirranga l-website flok tibdilha, u dan meta kienet diga' nghatat l-opportunita' li tezamina sew il-website in kwestjoni.

Illi jirrizulta, u mhux kontestat, illi minkejja li s-socjeta' attrici dahlet ghall-inkarigu li ttejjeb is-sit elettroniku tas-socjeta' konvenuta, u ghalkemm ix-xoghlijiet saru, baqghu diversi problemi, u dan indipendentement mill-efficjenza tas-sistema barranija RADAR. Tajjeb li jinghad li l-problemi rinfaccjati fl-ewwel fazi gew senjalati lis-socjeta' attrici sahansitra dakinhar stess illi s-socjeta' attrici indikat li s-sit seta' jintuza. Difficli ghat-Tribunal jifhem kif fl-istess gurnata li s-socjeta' attrici suppost ikkonsenjat website funzjonanti, kien hemm diversi problemi fl-istess website. Dan

jekk xejn jindika li ma sarux il-kontrolli necessarji sabiex jigi zgurat li x-xoghol sar sewwa.

Illi lanqas ma kienet korretta s-socjeta' attrici illi thedded lis-socjeta' konvenuta li ha tnehhilha s-sit elettroniku kemm-il darba din ma thallasx ghall-ewwel fazi. Setghet b'kull dritt tirrifjuta li taccekka l-inkarigu ghat-tieni fazi, izda mhux li tnehhi x-xoghol li kien diga' sar. It-Tribunal ghalhekk ma jarax validu l-argument tas-socjeta' attrici rikonvenzjonata li indikat li l-hlas ghall-ewwel fazi sar volontarjament; u dan ghaliex kien hemm diga' diversi problemi li gew senjalati lis-socjeta' attrici u li minkejja dan is-socjeta' attrici baqghet tinsisti ghall-hlas shih.

Illi ghal dan kollu, it-Tribunal iqis li ghalkemm is-socjeta' attrici verament hadmet fuq l-inkarigu moghti lilha fl-ewwel fazi, in vista tad-difetti msemmija, izda in vista' wkoll tal-fatt illi kien hemm involuti terzi li affetwaw ix-xoghol tas-socjeta' attrici, m'ghandhiex tithallas l-ammont kollu mitlub minnha, izda ghandha tithallas biss tliet kwarti ta' dak li thallset, u ghaldaqstant ghandha tirrifondi lura lis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti kwart tal-ammont imhallas.

Illi finalment, wara li ra n-noti ta' sottomissjonijet u d-diversi artikoli tal-ligi hemm citati, it-Tribunal jiccara illi din hija kwistjoni dwar appalt, u mhux dwar difetti mohbija jew konsenja ta' oggett li mhux tal-kwalita' pattwita. Ghalhekk japplikaw ghall-kaz odjern dawk il-principji li jirregolaw appalt misjuba minn Artikolu 1633 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta 'il quddiem.

Illi huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana illi kull xoghol ghandu jsir il-hlas misthoqq ghalih. Intqal fis-sentenza fl-ismijiet *Nutar Dr. Remigio Zammit Pace vs Sunrise Park Hotels Ltd. et*[1] illi:

> Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg principju illi omnia labor, optat premium. Tenut rigward ta' l-elementi probatorji determinanti fil-kaz konkret, jispetta lill-apprezzament ghaqli tal-Qorti fil-mertu, u lill-valutazzjoni libera taghha, kemm ghandu jkun il-kwantum ta' dik ir-retribuzzjoni, anke ghaliex, fil-prattika kostanti tal-Qrati taghna, Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar dak il-kwantum jekk mhux hlief u wara li tkun konvinta illi dik id-diskrezzjoni hi manifestament errata u jkunu jezistu ragunijiet gravi illi, jekk din il-Qorti ma tissostitwix id-diskrezzjoni taghha ghal dik ta' l-ewwel tribunal, tigi krejata inikwita` ghall-parti sokkombenti".

Illi fil-kaz in kwestjoni jidhol ukoll l-istitut tal-*locatio operis*, anke jekk mhux ghal xi haga maghmula bl-idejn, izda purament ghal servizzi professjonali. Fl-istess sentenza fuq imsemmija, inghad hekk:

> Issa in tema legali, trattasi li hawnhekk qeghdin fil-presenza tal-figura guridika tal-locatio operis, ukoll jekk professjonali, ghal liema jirreferi l-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili, il-kriterju dominanti fil-komputazzjoni tal-korrispettiv, attiz l-assenza ta' konvenzjoni minn qabel bejn il-partijiet u l-inapplikazzjoni ghall-fattispeci tat-tariffi professjonali dettati mil-ligi jew mill-uzu, kien dak meqjus mill-Qorti skond ic-cirkostanzi (Artikolu 1624, Kodici Civili). Jinzel minn dan illi, kif ravvizat f'sentenzi ohra ta' din l-istess Qorti, lil gudikant hu moghti l-funzjoni ta' arbitratur, f'liema kaz dan mhux vinkolat minn xi parametri prefissi. Jikkonsegwi ghalhekk illi in linea ta' massima l-attenzjoni tal-gudikant ghandha ghad-determinazzjoni tal-korrispettiv tiffoka ruhha fuq "id-durata, il-kwantita`, il-kwalita` u kull element iehor pertinenti tal-prestazzjonijiet ezegwiti u tar-rizultat utli percepit minn min jikkommissjona x-xoghol" jew is-servizz professjonali. Ara "Nazzareno Zammit -vsAnthony Desira", Appell Inferjuri, 7 ta' Frar, 2007. Anke jekk mhux ezawstiva tali konsiderazzjoni, ukoll jekk komplimentari, twessgha l-affermazzjoni tal-Qorti f'dik is-sentenza l-ohra citata. Dan kif analogikament deciz minn din l-istess Qorti f'sentenzi ohra ko-involgenti prestaturi professjonali. Ara inter alia "Avukat Joseph Sammut - vs- Goliath Developments Limited", 12 ta' April, 2007, u "Perit Caroline Caruana -vs- George Properties Limited", 9 ta' Jannar, 2009;

[1] Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) *per* Onor. Imhallef Philip Sciberras – 20 ta' Novembru 2009

Illi in linea mas-sentenza fuq imsemmija, is-servizz ta’ thejjija ta’ sit elettroniku u servizzi affini jaqa’ sewwa taht servizzi li jistghu jigu provduti b’appalt, u filwaqt li huwa f’waqtu li s-socjeta’ attrici tithallas ghas-servizzi minnha rezi a bazi tal-istess appalt, ghandhom jitnaqqsu mill-ammont mitlub minnha dawk l-ammonti li fil-gudizzju tat-Tribunal jirraprezentaw id-difetti li kellhom jitrangaw u li ma ndirizzatx is-socjeta’ attrici, u li ghalhekk irrendew is-sit elettroniku wiehed inqas utli.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi kwantu ghat-talba promotrici jilqa’ parzjalment l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta u jilqa’ parzjalment ukoll it-talbiet tas-socjeta’ attrici, u jordna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn, mija u tmienja u tletin Euro u hamsa w sebghin centezmu (€2,138.75), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza sal-hlas effettiv; kwantu ghall-kontro-talba, jilqa’ parzjalment l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ attrici rikonvenzjonata u jilqa’ parzjalment ukoll it-talbiet tas-socjeta’ konvenuta rikonvezjonanti, u jordna lis-socjeta’ attrici rikonvenzjonata thallas lis-socjeta’ konvenuta rikonvenzjonanti s-somma ta’ tmin mija u erbatax-il Euro u ghoxrin centezmu (€814.20), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kontro-talba sal-hlas effettiv.

L-ispejjez tat-talba promotrici ghandhom jithallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet, filwaqt li l-ispejjez tal-kontro-talba ghandhom jithallsu kwantu ghal kwart mis-socjeta’ attrici rikonvenzjonata u tliet kwarti mis-socjeta’ konvenuta rikonvenzjonanti.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu’

Deputat Registratur